MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 7/2011

**Zombor Enterprises Limited (C 32953)**

**Vs**

**Salvu, Ganni, Michael u George ahwa Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-avviz prezentat mis-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom ihallsuha s-somma ta' disat elef hames mija u disa' u ghoxrin euro u tmienja u sittin centezmu (€9,529.68) dovuti in kwantu ghal tmint elef u sitta u sebghin euro ( €8,076) prezz ta' servizzi ta' transport ta' gwies u garr ta' merkanzija ohra minn Malta ghal Ghawdex, u ta' hlasijiet li saru mis-socjeta' attrici fl-interess ta' l-istess konvenuti jew min minnhom, u in kwantu ghal elf erba' mija u tlieta u hamsin euro u tmienja u sittin centezmu (€1,453.68) fi hlasijiet ta'

VAT fuq dawn is-servizzi u fuq hlasijiet ohra taxxabbli li saru mill-istess socjeta’ fl-interess tal-konvenuti jew ta’ min minnhom, liema somma minkejja li giet diversi drabi mitluba lilhom mis-socjeta’ attrici, naqsu li jhalsuha.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali numru 517/2010 tas-7 ta’ Settembru 2010, u bl-imghaxijiet legali b’effett minn meta saru s-servizzi u l-hlasijiet imsemmija, sal-effettiv pagament.

Rat id-digriet taghha ta’ l-24 ta’ Gunju 2011 li permezz tieghu appuntat l-avviz ghas-smiegh ghas-seduta ta’ l-14 ta’ Ottubru 2011.

Rat li l-konvenuti ghalkemm gew kollha debitament notifikati bl-avviz u bl-avviz ta’ smigh baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta.

Rat illi fl-14 ta’ Ottubru 2011 naqsu li jidhru meta gew prezentati l-kapitoli u anke fis-seduta tal-lum nonostante li ssejhu ghal diversi drabi baqghu ma dehrux.

Rat l-affidavit ta’ Taddeo Farrugia, direttur tas-socjeta’ attrici, li permezz tieghu spjega dettaljament is-servizzi rezi lill-konvenuti u l-hlasijiet li s-socjeta’ attrici kellha taghmel fl-interess tal-konvenuti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-istess socjeta’ attrici.

Rat li fl-affidavit Taddeo Farrugia ddikjara li l-ammont dovut huwa ta’ disat elef mija u erbgha u disghin euro u erba’ centezmi (€9194.04) u dan kif ippruvat mid-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disat elef mija u erbgha u disghin euro u erba’ centezmi (€9194.04), bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi tal-ittra ufficcjali numru 517/2010 tas-7 ta’ Settembru 2010, u bl-imghaxijiet legali b’effett minn meta saru s-

servizzi u l-hlasijiet imsemmija u dan sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------